31992R0094

L 11/14 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 17.1.1992

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 94/92 ta' l-14 ta' Jannar 1992 li jipprovdi għal regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' l-arranġamenti għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi li għalihom jipprovdi r-Regolament (KEE) Nru 2092/91 dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u indikazzjonijiet li jirreferu għal dan fil-prodotti agrikoli u oġġetti ta' l-ikel

IL-KUMMISSJONI GĦALL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91 ta' l-24 ta' Ġunju 1991 dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u indikazzjonijiet oħra li jirreferu għal prodotti agrikoli u oġġetti ta' l-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 11 u 16(3) tiegħu,

Billi l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91 jistipula li, mit-23 ta' Lulju 1992, prodotti li jiġu impurtati minn xi pajjiż terz jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss meta jkunu joriġinaw f'pajjiż terz li jidher fuq il-lista li għandha tiġi mfassla; billi l-Artikolu 11(2) jispeċifika l-kundizzjonijiet li għandhom jintlaħqu biex pajjiż terz jiġi inkluż f'dik il-lista;

Billi l-istess lista għandha tiġi mfassla; billi, madanakollu, regoli dettaljati għandhom jiġu stabbiliti għall-proċedura ta' l-eżami ta' applikazzjoni minn pajjiż terz bil-għan ta' l-inklużjoni tiegħu fil-lista;

Billi l-miżuri li jagħmel tajjeb għalihom dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat kif jagħmel tajjeb għaliha l-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-lista tal-pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 11(1)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 202/91 hija stabbilita fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Din il-lista tagħti l-informazzjoni kollha maħsuba neċessarja fil-każ ta' kull pajjiż terz sabiex tippermetti l-identifikazzjoni ta' prodotti koperti mir-regoli, u b'mod partikolari:

— l-awtorità jew il-korp jew l-korpi responsabbli fil-pajjiż terz għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' spezzjoni bil-għan li jimpurtaw fil-Komunità,

— l-awtorità jew awtoritajiet ta' spezzjonar fil-pajjiż terz u/jew il-kopri privati magħrufa mill-istess pajjiż terz biex iwettqu superviżjoni.

Barra minn hekk, fejn rilevanti, il-lista tista' tiddikjara:

— l-miżura ta' preparazzjoni u l-esportaturi soġġetti għas-sistema ta' spezzjonar,

— il-prodotti koperti mir-regoli.

Artikolu 2

1. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk għandhiex tinkludi pajjiż terz fil-lista ta' l-Anness ma' l-irċevuta ta' applikazzjoni għall-inklużjoni minn rappreżentant tal-pajjiż terz ikkonċernat.

2. Fi żmien sitt xhur mill-irċevuta tagħha, l-applikazzjoni għall-inklużjoni għandha tkun kompluta b'dossier tekniku, imwaqqaf f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Komunità u li tkopri l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-Kummissjoni sabiex tassigura li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91 huma milħuqa għal prodotti maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunità. B'mod partikolari, għandha tinkludi s-segwenti informazzjoni ddettaljata:

(a) it-tipi u, jekk possibbli, stima tal-kwantitajiet ta' prodotti agrikoli u oġġetti ta' l-ikel maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunità taħt ir-regoli stabbiliti fl-istess l-Artikolu 11;

(b) ir-regoli tal-produzzjoni applikati fil-pajjiż terz, jiġifieri:

— il-prinċipji bażiċi kif stabiliti fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91,

— il-prodotti awtorizzati għall-użu waqt l-istadju tal-produzzjoni agrikola, jiġifieri prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, deterġenti, fertilizzanti jew prodotti għat-titjib tal-ħamrija,

— l-ingredjenti ta' origini mhux organika awtorizzati fi prodotti proċessati, u l-proċessi u t-trattamenti awtorizzati matul l-ipproċessar;

(ċ) ir-regoli dwar is-sistema ta' spezzjoni u l-organizazzjoni għall-implimentazzjoni ta' din is-sistema fil-pajjiż terz:

— l-isem ta' kull awtorità responsabbli għal spezzjoni fil-pajjiż terz u/jew is-soċjetajiet privati responsabbli għat-twettiq ta' dawn l-ispezzjonijiet,

— regoli dettaljati għall-ispezzjonijiet ta' impriżi agrikoli u fil-miżuri ta' preparazzjoni, u l-pieni li jistgħu jiġu imposti f'każ ta' ksur,

[1] ĠU L 198, tat-22.7.1991, p. 1.

— l-isem (ismijiet) u l-indirizz (i) ta' l-awtorità jew l-korp jew korpi responsabbli fil-pajjiż għall-ħruġ ta' ċertifikati għall-importazzjoni fil-Komunità,

— l-informazzjoni meħtieġa dwar l-organizazzjoni tal-kontroll ta' konformità mar-regoli li jmexxu l-produzzjoni u s-sistema ta' ispezzjoni, inkluż il-ħruġ ta' ċertifikati. L-isem u d-dettalji ta' l-awtorità responsabbli għall-istess kontrolli,

— il-lista ta' korpi ta' proċess u esportaturi lejn il-Komunità; in-numru ta' produtturi u l-ispazju li tkun qed tiġi kkultivata,

(d) Jekk disponibbli, ir-rapporti ta' l-eżami fil-post magħmula minn esperti indipendenti dwar l-implimentazzjoni effettiva tar-regoli tal-produzzjoni u regoli ta' spezzjoni msemmija taħt (b) u (ċ) fuq.

3. Fl-eżami ta' applikazzjoni għall-inklużjoni il-Kummissjoni tista' titlob kwalunkwe informazzjoni oħra meħtieġa biex tistabbilixxi li r-regoli li jmexxu l-produzzjoni u l-ispezzjonar fil-pajjiż terz jekwivalu għal dawk mgħoddija fir-Regolament (KEE) Nru 2092/91, inklużi l-preżentazzjoni tar-rapporti ta' eżami fuq il-post imwaqqfa minn esperti li l-indipendenza tagħhom ġiet magħrufa mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, fejn meħtieġ, il-Kummissjoni tista' tipproċedi għal eżami fuq il-post minn esperti maħtura minnha.

4. L-inklużjoni ta' pajjiż terz fil-lista fl-Anness tista' ssir bil-kundizzjoni li rapporti ta' eżami fuq il-post regolari magħmula minn esperti indipendenti jiġu preżentati ma' l-implimentazzjoni effettiva tar-regoli tal-produzzjoni u r-regoli ta' implimentazzjoni fil-pajjiż terz ikkonċernat. Barra minn hekk, fejn meħtieġ, il-Kummissjoni tista' torganizza eżami fuq il-post minn esperti maħtura minnha.

5. Jekk, wara li pajjiż terz ikun ġie inkluż fil-lista fl-Anness, isiru xi tibdiliet fil-miżuri infurzati fil-pajjiż terz jew fl-implimentazzjoni tagħhom, dak il-pajjiż terz għandu javża lill-Kummissjoni bihom. Fid-dawl ta' informazzjoni bħal din, tista' tittieħed deċiżjoni sabiex id-dettalji ta' inklużjoni li għandhom x'jaqsmu mal-pajjiż terz fl-Anness, jiġu emendati jew saħansitra sabiex titneħħa l-inklużjoni ta' dak il-pajjiż, skond il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91; deċiżjoni simili tista' wkoll tittieħed fejn pajjiż terz ma jkunx ta l-informazzjoni meħtieġa taħt dan il-paragrafu.

6. Jekk, wara li pajjiż terz ikun ġie inkluż fil-lista fl-Anness, il-Kummissjoni tikseb informazzjoni li tqajjem dubji dwar l-implimentazzjoni attwali tal-miżuri deskritti, tista' tistaqsi lill-pajjiż terz ikkonċernat għal kwalunkwe informazzjoni meħtieġa, inkluż il-preżentazzjoni ta' rapporti ta' eżami fuq il-post magħmula minn esperti indipendenti, jew tista' tipproċedi biex isir eżami fuq il-post minn esperti maħtura minnha. Fid-dawl ta' informazzjoni u/jew rapporti ta' din ix-xorta, tista' tittieħed deċiżjoni għas-sospensjoni ta' l-inklużjoni, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91; deċiżjoni simili tista' wkoll tittieħed f'każi fejn pajjiż terz ma tax l-informazzjoni mitluba sad-data finali speċifikata fit-talba tal-Kummissjoni jew fejn pajjiż terz ma qabilx li jsiru investigazzjonijiet fuq il-post sabiex tkun stabbilita l-konformità mal-kundizzjonijiet għall-inklużjoni.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fl-14 ta' Jannar 1992.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Lista ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 1